25 ta' Gunju, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Paul M. Laferla *versus* Onor. Walter Salomone ne.**

**"Trade Marks" — Proprjetà Industrjali — Reġistrazzjoni — Oppożizzjoni — Terminu — Art. 19 u 20 ta' l-Ordinanza XI ta' l-1899.**

***It-terminu ta' xahrejn mogħti mill-liġi dwar il-Proprjetà Industrjali biex tista' ssir oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' "trade mark" jibda jiddekorri mid-data li fiha l-avviż tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali jiġi publikat fil-Gazzetta tal-Gvern l-ewwel dar-***

*ba, u mhux mid-data ta' l-ahhar dehra ta' dak l-avviż f'dik il-Gazzetta.*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Laferla, fejn issottometta li fuq l-avviżi li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern iffirmati mill-imsemmi Onor. Salomone nomine, fejn dana fisser illi l-imsemmi Joseph Schembri kien għamel talba biex jiġi lilu mogħti attestat ta' privativa rigward "Stone Dressing Plant", u fisser ukoll illi l-ispeċifikazzjonijiet annessi ma' l-istess talba kienu ġew aċċettati, u illi fin-nuqqas ta' oppożizzjoni l-istess attestat kien jiġi milqugħ u mogħti; l-istess Laferla b'ittra tat-28 ta' Novembru 1944 (dok. A) oppona ruħu formalment kontra t-talba avanzata mill-istess Schembri; u għalhekk talab li d-deċiżjoni lilu kommunikata mill-Onorabbli Salomone nomine bl-ittra li ġġib id-data 27 ta' April 1945, tiġi revokata billi jiġi dikjarat illi l-esponenti għandu raġuni tajba biex jopponi għall-ogħti jew konċessjoni tal-privativa fuq imsemmija mitluba mill-imsemmi Schembri, u konsegwentement tiġi akkolta l-oppożizzjoni minnu magħmula għall-istess konċessjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'avviż li jġib id-data tat-22 ta' Settembru 1944 il-Kollettur tat-Trade Marks għarraf, għall-finijiet ta' l-art. 19 ta' l-Ord. XI ta' l-1899, illi l-appellat kien għamel domanda għall-ħruġ ta' patenti għall-użu u vantaġġ ta' invenzjoni msejħa "Stone Dressing Plant". Fl-istess avviż il-Kontrollur qal illi l-ispeċifikazzjonijiet annessi mad-domanda kienu aċċettati u f'difett ta' oppożizzjoni leġittima l-patenti mitluba jiġu maħruġa wara li jgħaddu xahrejn. Dan l-avviż ġie publikat l-ewwel darba fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-istess data, u sussegwentement fl-istess Gazzetta f'dati oħra. Mid-dokument eżibit fil-fol. 1 "A" tal-proċess jirriżulta illi l-istess avviż kien deher ukoll fil-"Lloyd Maltese" tal-Ħamis, 12 ta' Ottubru 1944;

Skond id-dokument fil-fol. 16, fil-25 ta' Novembru ta' l-istess sena l-appellant per mezz tad-difensur tiegħu għamel oppożizzjoni għall-imsemmija konċessjoni. Fis-27 ta' April

ta' dina s-sena l-Kontrollur, skond l-ittra eżibita fil-fol. 17 tal-proċess, informa *lid-difensur ta'* l-appellant illi ma hemmx raġunijiet għall-oppożizzjoni minnu sollevata;

Fit-2 ta' Mejju l-istess Laferla talab biex jispezzjona d-disinji sottomessi mill-appellat u fit-3 ta' l-istess xahar il-Kontrollur *ċaħad dina d-domanda;*

Illi mill-premess jidher spedjenti illi, apparti d-diskussjoni tal-meritu, hemm bżonn tiġi eżaminata l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellat *Schembri*, vwoldiri illi l-oppożizzjoni *ta' l-istess* Laferla hija inammissibili l-għaliex ġiet magħmula tardivament, jiġifieri sitt ijem wara illi kien għalaq it-terminu. L-appellant issottometta *illi* peress illi l-avviż kien deher fil-*Gazzetta tal-Gvern* drabijiet oħra wara t-22 ta' Settembru 1944, għalhekk it-terminu ta' xahrejn għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata ta' l-aħħar dehra u mhux mid-data li jġib l-avviż;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 19 ta' l-Ord. XI ta' l-1899 ("for the Protection of Industrial Property"), "As soon as the complete specification is accepted, or, in the case of appeal, as soon as *it is declared by the Court to* be acceptable, the Controller shall make the acceptance known by means of a notice to be published at least three times in the Government Gazette and in another periodical newspaper". The notice shall contain also an intimation that, on the expiration of two months, in default of lawful opposition, the patent referred to in the notice shall be granted";

Minn dina *d-dispożizzjoni*, kif ukoll minn dispożizzjonijiet sussegwenti ta' l-istess liġi, jidher ċar illi t-terminu ta' xahrejn għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha l-publiku jiġi avżat l-ewwel darba illi saret *talba biex* jinħareġ "patent", u mhux ġà *mid-dati* tal-publikazzjoni sussegwenti ta' l-istess avviż; għaliex il-liġi tordna l-publikazzjoni għal tliet darbiet mhux bl-iskop li testendi t-terminu b'mod perentorju stabbilit fit-tieni paragrafu *ta' l-art. 19*, imma biss biex tagħti kemm jista' jkun publiċità għad-domanda; tant hu hekk illi l-obligatorjetà mposta mill-liġi għal tliet publikazzjonijiet fil-Gaz-

zetta tal-Gvern hija kombinata ma' l-obligu tal-publikazzjoni f'gurnal perjodiku iehor illi ma hux organu ufficjali tal-Gvern. L-art. 20 iservi biex jinterpreta aktar car id-dispożizzjoni ta' l-art. 19, ghaliex ta' qabel jghid illi "during the term indicated opposition on the ground only...........", u dana huwa ntiż biex jirrestringi r-reklami wara illi l-Kontrollur ikun ha d-deciżjoni tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi l-ligi fl-art. 19 issemmi illi l-accettazzjoni ghandha jkollha lok per mezz "of a notice", u mhux per mezz ta' avviżi, u allura qieghda necessarjament tirriferixxi ruhha ghal dak in-"notice", li huwa wiehed, ghalkemm publikat diversi drabi. Fit-tieni paragrafu ta' l-istess artikolu hemm "the notice (dak il-wiehed fuq imsemmi) shall contain an intimation that on the expiration of two months in default of opposition..........." U fl-artikolu ta' wara, 20, hemm illi waqt dak it-terminu, cjoè ta' xahrejn, tordna x'ghandu jsir. Kieku l-ligi riedet mhux avviż wiehed b'terminu ta' xahrejn, iżda tliet avviżi, u ghalhekk bi żmien differenti, id-dizzjoni kienet tkun wisq diversa;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni illi l-avviż deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Settembru 1944 u l-oppożizzjoni saret b'ittra li ggib id-data tat-28 ta' Novembru, vwoldiri illi dina l-oppożizzjoni kienet saret wara li kienu spirati x-xahrejn imposti mill-ligi;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddikjara illi l-oppożizzjoni maghmula mill-istess Laferla ghall-avviż tal-Kontrollur hija inammissibili ghar-raguni li giet maghmula tardivament; u ghalhekk tikkonferma d-deciżjoni tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali. Bl-ispejjeż kontra l-istess Laferla appellant.

---